**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Illum il-25 ta' Marzu 2021**

**Kumpilazzjoni Numru 332/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs.**

**Martin Cassar**

Il-Qorti,

Rat illi tressaq Martin Cassar, ta' 36 sena, iben Francis u Carmen nee' Bonnet, mwieeled il-Pieta nhar l-10 ta' Frar 1980, resident gewwa Ent1, Flat 2, Binja Santa Venera, Triq Patri Gustin Sant, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 231780M.U gie akkuzat talli:

1. Nhar is-27 ta' Gunju 2016, gewwa Santa Venera u il-Hamrun, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f periklu car, hebbejt ghal Alexander Cassar, u/jew persuna/i ohra, u kkagunajtilu griehi ta'

natura gravi, skont ma iccertifika Dr. Dalli Badjadi MD tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana, u dan bi ksur ta' l-artikoli 214 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hebbejt ghal fuq il-persuna ta' ommok Carmen Cassar u/jew persuna/i ohra u kkagunajtilha griehi ta' natura hafifa, skont ma iccertifika Dr. Dalli Badjad MD tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana, u dan bi ksur ta' l-artikolu 221 (1) tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, attakkajt u/jew ghamilt rezistenza bi vjolenza u/jew b'hebb, ta` xorta li ma titqiex vjolenza pubblika, kontra WPC169 Doris Al Sous, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni mghoti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur ta' l-artikolu 96 tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe' kissirt il-hgieg ta' l-antiporta, liema hsarat ma jeccedux il-250 Euro, ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuna/I ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 (1) (c) u (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, gewwa Santa Venera u il-Hamrun, b'xi mod ksirt il-bon ordni u il-paci pubblika, u dan bi ksur ta' l-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sirt recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Carmen Cassar, Alexander Cassar u WPC169 Doris Al Sous, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll fkaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fkaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat illi matul is-seduta tal-15 ta' Frar 2016 l-Ufficjal Prosekutur qara u ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-gurament[1].

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[2].

[1] Folio 3 ta' l-atti processwali
[2] Folio 4 ta' l-atti processwali

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-20 tas-Settembru 2017[3] a tenur tal-artikoli:

1. Fl-artikoli 214, 216 u 218 tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 325(1)(c) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta datata d-19 ta' Jannar 2019[4], din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li 1-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma' kellhux oggezzjoni li 1-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u il-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u ddecidiet li tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat li matul l-istess seduta l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawza kontra l-imputat huwa ma kellux aktar provi x'jipproduci;

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippresjeduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[5]

---

[3] Folio 139 ta' l-atti processwali
[4] Folio 154 ta' l-atti processwali
[5] Folio 171-173 ta' l-atti processwali

Rat id-dokumenti kollha prezentati, hadet konjizzjoni tat-traskirzzjoni tax-xhieda li nstemghu minn din il-Qorti kif kienet diversament preseduta, hadet konjizzjoni tax-xiehda prodotti inkluz dik ta' l-imputat stess in nghatat b'mod volontarju, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawza semghet lill-partijiet jitrattaw.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet ta' l-imputat ta' nhar il-5 ta' Jannar 2021. Semghet it-trattazzjoni finali ta' l-ufficjal prosekutur u l-imputat fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2021.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar is-27 ta' Gunju 2016 meta nqalghet glieda bejn l-imputat, ommu Carmen, u huh Alexander, gewwa l-Ghassa tal-Hamrun. Din il-glieda eskalat b'tali mod li l-imputat allegatament kisser il-hgieg ta' l-antiporta ta' l-ghassa u wegga wiehed mill-pulizija prezenti. Dan oltre li qabel ma kien wasal l-ghassa kien allegatament wegga' lil ommu b'daqqiet ta' ponn f'rasha u lil huh Alexander serjament fi glieda gewwa darhom.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet *viva voce* u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**L-Ispettur Robert Said Sarreo**[6], stazzjonat fl-Għassa tal-Marsa, xehed waqt is-seduta tat-13 ta' Lulju 2016 kif ukoll waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2016. Ix-xhud, filwaqt li għaraf lill-imputat fl-awla, spjega illi nhar is-27 ta' Ġunju 2016 għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar ċertu Martin Cassar, l-imputat, daħal l-għassa tal-Ħamrun sabiex jagħmel rapport li kien għadu kemm kellu argument ta' ħuh, Alexander, ġewwa r-residenza ta' ommu li tinsab ġewwa Binja Santa Venera, Entratura E, Flat 2, Triq Patri Ġustin Sant, Santa Venera u waqt li dan Martin Cassar kien ser jibda biex jagħmel ir-rapport tiegħu, kumbinazzjoni dak il-ħin daħlet ukoll ommu Carmen Cassar u anka ħuh Alexander Cassar, l-istess sabiex jagħmlu rapport kontra tiegħu. X'ħin raw lil xulxin ġewwa l-għassa Alexander u Martin spiċċaw jargumentaw u ankè kważi spiċċaw fl-idejn, fejn WPC 169 bdiet tipprova toħroġ lil Martin Cassar 'il barra mill-għassa u ħarġitu u għalqet l-antiporta. Martin Cassar beda jagħti mal-ħgieg tal-antiporta fejn l-ewwel inkisret ħġieġa ta' naħa minnhom u mbagħad ta' daqqa ta' ponn, l-ewwel beda jagħti mal-ħġieġa iħabbat qisu biex jagħmel punt, jitkellem jiġifieri jitħadded u jagħti bis-saħħa imbagħad x'ħin inkisret il-ħġieħa ħarab jiġri. Il-ħġieġ tar fuq il-WPC 169 u qattalha l-qalziet tal-uniformi u ankè sofriet ġrieħi ħfief. Sa dan it-tant il-Pulizija imbagħad bdiet tkellem lil Carmen u lil Alexander fejn dawn spjegaw li dawn kienu qiegħdin fir-residenza ta' Carmen fejn inqala' argument bejn Alexander u Joseph rigward xi kanen. Martin Cassar, l-imputat, daħal biex iferraq lil Alexander u lil Joseph u minflok spiċċa mbagħad l-argument bejnu u bejn Alexander u jidher ukoll li Carmen qalet li ħin minnhom l-imputat aggredixxa lilha ukoll billi qabadha minn għonqha u anka taha xi daqqiet ġo rasha. Alexander qal ukoll li ħuh Martin Cassar kien agredixxa lilu fejn huwa sofra ġrieħi ta' natura gravi. Ix-xhud ġie nfurmat b'dan ir-rapport u minnufih ordna l-arrest ta' Martin Cassar li minn naħa tiegħu irrilaxxja stqarrija.

[6] Folio 9 -15 u 73-74 ta' l-atti processwali

**Carmen Cassar**[7], omm l-imputat kif ukoll omm l-allegat vittma, inizjalment ittelgħat bħala xhud fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016. Hija għażlet li ma tixhidx fil-proċeduri odjerni wara li ġiet informata mill-Qorti illi hija għandha d-dritt li ma tixhidx kontra binha. Ix-xhud reġgħat ikkonfermat ir-rieda tagħha li ma tixhidx waqt is-seduta tat-12 t'Ottubru 2016 meta ġiet mistoqsija mill-Qorti għal dak il-għan.

**Alexander Cassar**[8], l-allegat vittma, xehed waqt is-seduta tat-13 ta' Lulju 2016. Il-Qorti wissiet lix-xhud bil-jedd tiegħu li ma jwieġibx għal mistoqsijiet li jistgħu jinkriminawh u dan stante li l-uffiċjal prosekutur iddikjara li kienu ser jittieħdu proċeduri penali fil-konfront tax-xhud ukoll u l-istess xhud tenna li huwa xorta ried jixhed.

Ix-xhud spjega li dakinhar tal-inċident kienu marru xi ħaddiema tal-Gvern sabiex jirranġaw il-madum tax-xaft fid-dar t'ommu. Fix-xaft kien hemm xi pajpijiet tal-ħadid li kien hemm bżonn jitneħħew sabiex isir ix-xogħol. Dawn il-pajpijiet kienu ta' ħuħ Joseph Cassar. Il-ħaddiema neħħew dawn il-pajpijiet u poġġewhom taħt it-taraġ. Ix-xhud staqsa lil Joseph jekk għandux bżonn il-pajpijiet jew inkella jarmuhomx mal-kumplament tat-terrapien li nqala' bħala riżultat tax-xogħlijiet. Joseph ma wieġbux u minflok qagħad jgħid lill-ommu *"ma, dak ir-raġel min hu? Dawk il-pajpijiet kont ġibthom jiena"*.[9] Wara li Joseph baqa' jirripeti dan il-kliem għal diversi drabi, ix-xhud qallu sabiex iħalli lil ommhom bi kwietha. Għal dan il-kliem Joseph irrabja ħafna u allegatament qabad lix-xhud minn għonqu u qallu li jrid ipattiehielu ta' inċident li kien seħħ sittax-il sena qabel meta x-xhud kien għad għandu tnax-il sena. F'daqqa waħda

[7] Folio 26-28 u 93-95 ta' l-atti processwali
[8] Folio 29-48 u 116 (quddiem u wara) ta' l-atti processwali
[9] Folio 32 ta' l-atti processwali

kemm Joseph kif ukoll l-imputat Martin Cassar qabdu jagħtu lix-xhud, li minn naħa tiegħu ma bediex jirreżisti.

F'punt minnhom, l-imputat qabad lil ommhom minn għonqha sabiex allegatament jipprovoka lix-xhud li min-naħa tiegħu mar jiġri sabiex iwaqqaf lill-imputat. Dak il-ħin beda jżommu Martin filwaqt li l-imputat beda jagħtih bil-ponn fuq wiċċu tant li għamillu farrett li kien jirrikjedi tlett ponti. Ix-xhud ħarab minn ġewwa d-dar u qabad tal-linja sabiex jinżel l-Għassa tal-Ħamrun. Meta wasal hemm sab lill-imputat diġa hemmekk li minn naħa tiegħu infexx jgħajjar lix-xhud *"marid"* u *"ħanżir"*. L-imputat ġie skortat 'il barra mill-Pulizija u ta daqqa ta' ponn mal-ħġieġa tal-Għassa li tkissret u tqatta' l-qalziet ta' Pulizija partikolari.

In kontro-eżami ix-xhud ikkonferma li f'dan l-inċident ma ntużatx sikkina kontrieh għalkemm kien hemm episodji fil-passat fejn kien ġie mhedded permezz ta' sikkina. Mill-banda l-oħra jikkonferma illi huwa kellu mus fil-but waqt l-episodju iżda huwa ma użahx. Ġie ċċarat illi fil-verità mhuwiex mus imma sikkina normali bħal dawk li tintuża biex jitqaxxar it-tewm. Ix-xhud ammetta ukoll li għat-tgħajjir tal-imputat huwa wieġed li l-imutat kien *"ħabsi"* u *"miġnun"*. Ix-xhud spjega ukoll li fil-passar kien hemm ħafna episodji mal-imputat li spiċċaw quddiem il-Qorti fejn huwa dejjem ħafirlu. Ikkonferma li dakinhar qabel l-inċident, u ċioe qisu bejn it-tmienja u l-għaxra ta' filgħodu huwa kien għamel sagħtejn xogħol ġewwa *snack bar* f'Santa Venera. Ix-xhud ġie mistoqsi jekk kienx ikkonsma xorb alkoħoliku dakinhar, għal liema mistoqsija ix-xhud wieġeb illi kien ħa żewġ grokkijiet *whisky* d-dar.

**PS 267 Anthony Cassar**[10] xehed ukoll waqt is-seduta tat-13 ta' Lulju 2016 fejn huwa spjega illi nhar is-27 ta' Ġunju 2016 għall-ħabta tas-siegħa ta' wara

[10] Folio 49-51 ta' l-atti processwali

nofsinhar ġie nfurmat illi kien hemm kommossjoni ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun. Meta wasal hemmekk, sab bieb tal-ħġieġ imkisser u lil WPC 169 bil-qalziet imqatta' u b'girfa fuq dahra. Ix-xhud kien ġie infurmat illi kien hemm argument fejn Martin Cassar, detentur tal-karta tal-identità numru 231780M ta daqqa ta' ponn fuq il-ħġieġa u ħarab minn fuq il-post wara li din inkisret. Ix-xhud iċċara illi waqt l-inċident proprju huwa ma kienx preżenti fuq il-lok.

**Dr Frances Dalli Badjadi**[11], adetta fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana, xehdet waqt is-seduta tat-12 t'Ottubru 2016. Ix-xhud ġiet riferuta tlett ċertifikati mediċi li jinsabu a Fol. 19, 20 u 21 tal-proċess, fejn hija kkonfermat illi dawn ġew redetti minnha in segwitu ta' eżami fuq il-persuna ta' Carmen Cassar, Alexander Cassar u Doris Al Sous Camilleri. Carmen Cassar kellha ħames marki f'għonqha ta' madwar ħames ċentimetri li ġiet ċertifikata bħala ġerħa ħafifa. Alexander Cassar kellu ġerħa miftuħa ta' ċentimetru u nofs taħt ħuġbejn tan-naħa tax-xellug, liema ferita kienet tirrikjeda tlett ponti u ġiet ċertifikata bħala waħda gravi u li tħalli marka fil-wiċċ. Maria Al Sous Camilleri kellha barxa ta' ċentimetru fuq in-naħa ta' fuq ta' riġlejha li ġiet ċertifikata bħala ġerħa ħafifa.

**WPC 169 Doris Al Sous Camilleri**[12], stazzjonata fl-Għassa tal-Ħamrun, xehdet ukoll waqt is-seduta tat-12 t'Ottubru 2016. Ix-xhud spjegat illi fis-27 ta' Ġunju hija kienet second watch fl-Għassa tal-Ġamrun u għall-ħabta tas-13:15 daħal l-imputat Martin Cassar u sakemm ix-xhud lestiet taqdi persuna oħra, laħqu waslu ħuħ Alexander Cassar u ommu Carmen Cassar. Alexander kellu wiċċu kollu dmija u wara ftit Martin u Alexander qabdu jiġġieldu fl-Għassa. Ix-xhud ħarġet tipprova tferraqhom u irnexxiela toħroġ lil Martin 'il barra. Dan beda jagħti mal-ħġieġa tal-antiporta tant li kissirha u x-xhud intlaqtet mill-ħġieġ li tar fuq in-naħa ta' fuq ta' saqajha. Wara dan, l-imputat ta daqqa ta' ponn fuq il-

[11] Folio 85-88 ta' l-atti processwali
[12] Folio 89-92 ta' l-atti processwali

ħġieġa l-oħra u meta din inkisret ukoll, huwa ħarab minn fuq il-post. Wara dan kemm ix-xhud kif ukoll Alexander u Carmen Caruana marru flimkien il-poliklinika tal-Furjana. Ix-xhud ikkonfermat illi hija sofriet girfa fuq in-naħa ta' fuq koxxitha.

**Il-Maġġur Audrey Cassar**[13], stazzjonata fl-Għassa tal-Ħamrun, xehdet waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2017. Ix-xhud għarfet lill-imputat fl-awla ikkonfermat illi nhar is-27 ta' Ġunju 2016 għall-ħabta tas-13:15 hija kienet ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun. Hekk kif niżlet mill-uffiċċju tagħha fis-sular ta' fuq innotat mara ma ġuvni ġewwa l-Għassa jidhru kommossi kif ukoll ġuvni ieħor barra jagħti mal-ħġieġa tal-antiporta. F'ħin minnhom il-ħġieġa inkisret u taret biċċa fuq WPC 169 bil-konsegwenza li ġiet ikkawżata tiċrita fil-qalziet tal-unifomri tal-istess. Wara li kisser it-tieni ħġieġa, l-imputat ħarab minn fuq il-post u intalbet l-assistenza tar-rapid intervention unit sabiex jiġi rintraċċjat. In kontro-eżami, il-Maġġur ikkonfermat illi hija kienet preżenti għall-eposidju.

**PC 1007 Jean Paul Pizzuto**[14], fil-preżent stazzjonat fil-Laboratorju tal-Forensika, xehed waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2017. Ix-xhud ikkonferma li fil-jum in kwistjoni huwa kien xogħol fl-Għasssa tal-Ħamrun għall-ħabta tas-13:15 daħal l-imputat sabiex jagħmel rapport. Eventwalment waslu ommu u ħuħ u kien hemm xi diżgwit u tgħajjir bejn l-aħwa. Wara li l-imputat ġie skortat 'il barra huwa beda jagħti mal-ħġieġ tal-antiporta u jtenni diskors ta' tgħajjir kontra l-Pulizija ukoll. Meta nkiser il-ħġieġ, l-imputat ħarab minn fuq il-post. Eventwalment l-imputat mar waħdu l-Għassa. Jidher li r-rabja tal-imputat fl-Għassa ġiet xprunata mill-fatt li huwa kien wasal fuq il-lok qabel ommu ħuħ u għalhekk ippretenda li jinqeda' qabilhom.

[13] Folio 107-110 ta' l-atti processwali
[14] Folio 111-115 ta' l-atti processwali

**L-imputat Martin Cassar**[15] xehed waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu 2019. L-imputat ikkonferma li dakinhar tal-inċident in kwistjoni kien qiegħed għand ommu fuq is-sodda u sema liż-żewġ ħutu Joseph u Alex jargumentaw bejniethom. Wara ftit l-argument eskala xi naqra u l-għajjat żdied u Joseph instemgħa jgħid lil ħuħ Alex, "daħħalhieli jekk għandek idaħħalhieli". Skont l-imputat huwa kien qed jirreferi għas-sikkina li kellu f'idu. Allegatament Alex beda jipprova jħebb għall-imputat u kien fis-sakra. L-imputat żied jgħid li qabel dan l-inċident, ma kienx hemm ġlied bejn l-aħwa. L-imputat stqarr illi sabiex jiddefendi ruħu, huwa xejjer żewġ daqqiet ta' ponn u laqat lill-ħuħ Alex f'wiċċu. Wara ftit, Alex ħataf lill-omm il-partijiet u telaq biha lejn l-Għassa tal-Ħamrun sabiex isir rapport. Joseph u Martin niżlu l-Għassa bil-karozza u allura waslu malajr qabel Alex u ommhom. Wara ftit dahal Alex u omm il-partijiet fl-Għassa u talab illi jsir rapport mill-aktar fis. Eventwalment WPC 169 tefgħat lill-imputat 'il barra mill-għassa u għalqet il-bieb tal-antiporta permezz ta' ċavetta. L-imputat stqarr illi kien ferm urtat bil-mod kif ġabu ruħhom miegħu il-Pulizija fis-sena li ħallewh jistenna. Hekk kif kisser it-tieni ħġieġa, l-imputat ikkonferma li huwa ħarab minn fuq il-post. In kontro-eżami l-imputat stqarr illi huwa kien qed iħalli l-*mobile phone* mitfi minħabba li skont hu, jibża' li ser jiġi msawwat mill-Pulizija. Ix-xhud ikkonferma ukoll li l-intenzjoni tiegħu ma kienet qatt li jkisser il-ħġieġa jew li jweġġa' lill-Pulizija. Huwa nnega ukoll illi huwa f'xi ħin qabad lil ommu minn għonqha. Wara l-inċident, ix-xhud ġie meħud il-ħabs fejn dam għal xi xahar sakemm ingħata l-libertà proviżorja.

[15] Folio 158-164 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Illi l-istqarrija ta' l-imputat Martin Cassar ittiehdet nhar it-28 ta' Gunju 2016 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Robert Said Sarreo wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[16].

L-istqarrija ta' l-imputat ittiehdet gurnata wara l-incident, u cioe' fit-28 ta' Gunju 2016 fil-prezenza ta' l-Ispettur Robert Said Sarreo u RPC 3106 E. Buhagiar. L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija.

Illi fl-istqarrija l-imputat ghazel li jwiegeb ghad-domandi li sarulu pertinenti ghall-kaz wara li rrifjuta li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni[17] u jidhol f'certu dettal dwar l-incident in kwistjoni kif ukoll l-involviment tieghu.

Madankollu u f'bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l- istqarrija li ġiet rilaxxata mill-imputat hijiex amissibbli u tistax ssir infirenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġie irilaxxata l-istqarrija tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrijiet in kwistjoni kienux konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputat rrilaxxa l-istqarrija tiegħu, huwa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti huwa ma uzax[18].

---

[16] Folio 23-24 ta' l-atti processwali
[17] Folio 22 ta' l-atti processwali

Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att AL tas-sena 2016.[19] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputat ġie interrogat.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[20] li tirrigwarda l- ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l- Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet esprimiet is-segwenti:

> *Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*
>
> *"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess*

[19] Fit-28 ta' Novembru 2016
[20] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l-possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-sentenzi wiehed isib il-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[21] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta′ l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza

[21] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din ilposizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amminisstrazzjoni tal-ġustizzja.[22] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l- persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l- avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata recentement fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[23] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment*

[22] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali

[23] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilitŕ, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[24]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[25]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[26] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni.*

[24] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[25] Folio 14 tas-sentenza
[26] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF

*Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[27]

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[28]

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza recenti ta' **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[29] fejn gie ikkonfermat li meta issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

F'decizjoni ricenti **Morgan Onuorah v l-Avukat tal-Istat**[30] il-Qorti Kostituzzjonali stqarret li:

*"il-qrati domestici ma jistghux jippermettu li f'proceduri kriminali li ghadhom pendent jithallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bhala difett procedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-process kriminali kollu."*[31]

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Ir-Repubbklika ta' Malta vs Tony Curmi**[32] fejn il-Qorti riteniet:

*Din il-Qorti ghalhekk tqis li nonostante l-fatt li l-istqarrija ta' Wayne Grima ittiehdet fi zmien meta suspettat ma kienx jinghata d-dritt li jkollu Avukat prezenti waqt listqarrija u fejn setghet anke tapplika r-regola ta' inferenza fejn suspettat jaghzel li jikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija, jekk ma jkun irid jghid xejn jew jonqos milli jsemmi xi fatt u sussegwentement matul il-process iressaq xi difiza li tkun*

[27] Folio 25 tas-sentenza
[28] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[29] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16
[30] Deciza 27 ta' Jannar 2021, Qorti Kostituzzjonali, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[31] Folio 12 tas-sentenza
[32] Qorti Kriminali; Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Att ta' Akkuza 8/2019

*ibbazata fuq xi fatt li ma jkunx semma matul l-interrogazzjoni, mhux biss Wayne Grima ghazel li jiguramenta l-istqarrija tieghu izda ukoll sal-lum il-gurnata ma jirrizultax jekk Wayne Grima qieghed jikkontesta l-ammissibilita' jew il-kontenut tal-istqarrija rilaxxata minnu. Ghalhekk din il-Qorti tqis li tali stqarrija ghandha tibqa' fl-atti u ghalhekk hija prova ammissibli f'kaz li Wayne Grima jixhed f'dan ilguri u tali stqarrija ma tigix kontestata minnu.*

*Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ghar-ragunijiet ikkunsidrati f'din is-sentenza, tilqa' limitatament l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat billi filwaqt li tiddikjara l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat Tony Curmi fit-23 ta' Novembru 201459 a fol 7 et sequitur tal-atti ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja bhala prova inammissibbli u ghalhekk tordna l-isfilz taghha, tiddikjara ukoll kwalunkwe referenza li saret fl-atti inkluz fil-provi u fix-xhieda ghal dak li l-akkuzat Tony Curmi seta' qal matul l-investigazzjoni u matul it-tehid tal-istqarrija minghajr ma kellu Avukat prezenti bhala ukoll inammissibli.*

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat, u filwaqt li tara li ma hijiex netta ma tinsabx konvinta li l-imputat huwa ben konxju ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija.

Kwindi konsegwentement a bazi tal-insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġi b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta din l-istess stqarrijia u ma tqisiex bħala prova f dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel imputazzjoni**

Ix-xhud Alexander Cassar fix-xhieda tieghu jghid li huh l-iehor Joseph Cassar, waqt li kienu qeghdin jargumentaw, qabdu minn ghonqu u qallu *"ejja lil hawn ha npattilek ta' sittax il-sena ilu meta kont qbadt taghtini, kelli tnax il-sena"*.[33] Biex jiddefendi lilu nnifsu x-xhud avza lil hutu t-tnejn li ghandhu mus izda xorta bdew jaghtuh it-tnejn, cioe huh Joseph u l-imputat. Ikompli jghid li *"Martin beda jaghtini bil-ponn u ghamluli tlett punti hawnhekk, kelli mmur l-ghassa l-Hamrun b'tal-linja bid-demm itir…"*.[34] Ikompli jghid ukoll li *"l-ewwel qabadni minn ghonqi."*[35]

L-imputat, li xehed b'mod volontarju jispjega li ta zewg daqqiet ta' ponn f'wicc ħuh, minhabba li huh kien fis-sakra, kellu sikkina f'idejh, *"rajtu gej ghalija bis-sikkina"*[36] u l-ghan tieghu kien biex jifred lil huh Alexander minn huh l-iehor Joseph li kienu qed jiggieldu dak il-hin bejniethom.

Il-prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku[37] mahrug fl-istess gurnata ta' l-incident mertu ta' dan il-kaz, cioe fis-27 ta' Gunju 2016 mit-tabiba Dr. Dalli Badjadi Med Reg Numru: 3358 fejn iccertifikat li l-vittma kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi fuq wiccu minhabba gerha miftuha ta' centimetru u nofs fuq in-naha ta' barra taht hugbejh tan-naha tax-xellug. Kellu wkoll tbengila taħtha u t-tabib kellu jaghmillu tlett punti.

It-tabib fix-xhieda tagħha tikkonferma li ha tibqa marka fuq wicc il-vittma fil-parti ta' hugbejh.[38]

[33] Folio 32 ta' l-atti processwali
[34] Folio 33 ta' l-atti processwali
[35] Folio 35 ta' l-atti processwali
[36] Folio 159 ta' l-atti processwali
[37] Dok RS3, Folio 20 ta' l-atti processwali
[38] Folio 87 ta' l-atti processwali

Il-Qorti kif kienet diversament ippreseduta rat il-qasma fuq wiccu b'ghajnejha stess meta ta x-xhieda tlett gimghat wara l-incident.[39]

**Ikkunsidrat**

**Il-legittima difesa**

Id-difiza ta' l-imputat ittenni fis-sottomissjonijiet finali taghha li minkejja dak kollu li gara minn imkien ma rrizulta l-intenzjoni specifika ta' l-akkuzat li jikkaguna offiza gravi u dan johrog bhala stat ta' fatt mid-dikjarazzjoni ta' Alexander Cassar *a tempo virgine* fejn stqarr il-kliem *"ersaq l'hemm ghax ghandi il-mus"* lil huh Joseph Cassar u s-semplici raguni ghalfejn l-imputat dahal bejniethom kien biex jifraq lil hutu. L-abbli difensur ta' l-imputat itenni li maghdud mac-cirkostanzi kollha tal-kaz fejn kien hemm involut strument li jaqta uzat minn Alexander Cassar indirizzat lejn il-gisem ta' l-imputat, l-imputat ghandu jigi kkunsidrat li f'dak il-mument kien qed jiddefendi lilu nnifsu.

Illi skond gurisprudenza l-gustifikazzjoni tal-legittima difiza tirrizulta meta jirrizultaw zewg principji – dawk tal-gustifikazzjoni u dik li l-ghemil huwa skuzat mir-responsabilita' kriminali.

F'dan ir-rigward l-artikolu 223 u 224 tal-Kodici Kriminali jghidu:

*223. Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.*

*224. Jidħlu taħt il-każijiet ta' bżonn attwali tad-difiża leġittima,dawn li ġejjin:*

*(a)jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jsiru fil-waqt li wieħed, bil-lejl, ikun qiegħed jirreżisti biex ma jħallix l-iskalata jew il-ksur ta' reċinti, ta' ħitan, jew ta' bibien*

[39] Folio 47 ta' l-atti processwali

*li minnhom tidħol għal dar jew appartament abitat, jew ta' post li jagħmel magħhom, illi jkun jinfed, direttament jew indirettament, ma' dik id-dar jew ma' dak l-appartament;*

*(b) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jsiru fil-waqt tad-difiża kontra persuna li tkun tagħmel serq bi vjolenza jew sakkeġġ bi vjolenza, jew li tittanta tagħmel dak is-serq jew sakkeġġ;*

*(ċ) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jkunu meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża tal-kastità ta'persuna nnifisha, jew ta' persuna oħra.*

Illi minn ezami tal-ligi l-Qorti ghalhekk trid tikkunsidra ghall-finijiet ta' dan il-kaz dak li jghid l-artikolu 223 tal-Kodici Kriminali fil-parti li tghid *meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.*

Skond il-Professur Mamo, il-bzonn attwali ghandu jigi kkunsidrat b'dawn it-tlett kwalifiki:

i. ***Unjust****: the evil threatened is unlawful;*

ii. *ii.* ***Grave****: serious enough to cause harm, to cause 'irreparable' evil; and*

iii. *iii.* ***Inevitable****: it must be sudden, actual and absolute danger.*

• ***'Sudden'*** *does not imply that when the victim knows about an impending threat and yet does nothing about it, the threat does not remain sudden.*

• ***'Actuality'*** *of a threat means that self-defence must be present at the time of reaction. Hence, it could be argued that if an aggressor turns his back, he is still active and actual and therefore self-defence might be found to be acceptable.*

• ***'Absolute'*** *means that there is no other means to avoid it. This leads us to running away, known as comodus discessus.*

Ghalhekk irrid dejjem jigi adoperat test suggettiv sabiex jigi determinat jekk ic-cirkostanzi tal-legitima difeza jirrizultawx. Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz

**Rex vs Rose**[40] fejn il-Qorti riteniet li kaz fejn missier spara u qatel lill-missieru ghaliex f'dak il-mument emmen li missieru kien ser joqtol lill ommu kien att gustifikat stante li l-imputat kien genwinament emmen fuq ragunijiet ragonevoli li l-hajja ta' ommu kienet fil-periklu u kien hemm necessita ta l-azzjoni tieghu sabiex ikun hemm il-preservazzjoni tal-hajja ta' ommu.

Din il-Qorti wara li gharblet id-dinamika ta' l-incident kif rakkontata mill-imputat u mill-ferut huh Alexander Cassar, tqis illi d-difiza ta' l-istess Martin Cassar, sa fejn din tirreferi ghal-legittima difesa tieghu fil-konfront ta' huh ma treggiex. Il-Qorti ma tqisx li l-agir tax-xhud Alexander Cassar jiggustifika l-offiza li l-imputat ikkagunalu f'wiccu kif korroborata mill-provi l-ohra f'din il-kawza.

Din il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-offiza li kkawza l-imputat Martin Cassar fil-konfront ta' huh Alexander tikkwalifika bhala wahda gravi a tenur tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali in kwantu din tammonta ghal sfregju fil-wicc skond l-artikolu 216 (1) (b) u ma tarax li kienu jezistu l-elementi li jiggustifikaw il-hsara li l-imputat stess jikkonferma li kkawza lil huh Alexander Cassar.

**Ikkunsidrat**

Sussegwentement fis-seduta tat-13 ta' Frar 2017 il-vittma Alexander Cassar iddikjara wkoll li fid-dawl li l-imputat jigi ħuh, ma riedx jerga' jixhed kontra tieghu.

L-istess vittma iddikjara wkoll li kien qed jahfer lill-imputat u li kien qed jirtira l-kwerela li ghamel kontra huh filwaqt li kien qed jirrinunzja ghal azzjoni kriminali sa fejn din huwa rinunzjabbli.

---

40 1884, 15 Cox 540

M'hemmx dubju li r-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni huwa wiehed prosekwibbli ex officio u ghaldaqstant, mhemmx htiega tal-kwerela tal-parti leza. Madankollu, din il-Qorti sejra tikkonsidra l-mahfra u r-'rinunzja' ta' Alexander Cassar ghall-finijiet ta' piena u sejra tghaddi sabiex issib htija ta' l-ewwel imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**It-tieni imputazzjoni**

Il-prosekuzzjoni esebit certifat mediku[41] mahrug fl-istess gurnata ta' l-incident mertu ta' dan il-kaz, cioe fis-27 ta' Gunju 2016 mit-tabiba Dr. Dalli Badjadi Med Reg Numru: 3358 fejn iccertifika li l-vittma kienet qed issofri minn griehi hfief. L-istess certifikat jindika wkoll li l-vittma kellha marki ma ghonqha hekk kif gie ikkonfermat meta telghet tixhed it-tabiba.

L-allegata vittma li tigi omm l-imputat għażlet li ma tixhidx fil-proċeduri odjerni wara li ġiet informata mill-Qorti illi hija kellha d-dritt li ma tixhidx kontra binha ghalkemm stqarret li *"kif hemm miktub gara l-kaz"*[42]. Ix-xhud reġgħat ikkonfermat ir-rieda tagħha li ma tixhidx waqt is-seduta tat-12 t'Ottubru 2016 meta regghet ġiet mistoqsija mill-Qorti għal dak il-għan.

Madankollu l-Qorti tosserva li fl-ebda stadju ma rrinunzjat ghall-kwerela kontra l-imputat li saret a tenur tal-artikolu 221(4) tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant, ghalkemm il-Qorti tqis li x-xhud ghazlet li ma tixhidx fil-konfront ta' binha, in vista tal-fatt li l-procedura baqghet ghaddejja, u qatt ma kien hemm rinunzja mill-parte civile jew irtirar ta' din l-imputazzjoni mill-prosekuzzjoni, din il-Qorti trid tiddeciediha fuq il-provi li hemm.

---

[41] Dok RS2, Folio 19 ta' l-atti processwali

[42] Folio 27 ta' l-atti processwali

Ix-xhud Alexander Cassar li jigi hu l-imputat u t-tifel tal-vittma fix-xhieda tieghu stqarr li *"Martin telaq jigri u mar jaghti lil ommi u qabadha minn ghonqha ghax kien jaf li jekk jaghmel hekk jien iva imbaghad hemm nirrezisti, ghalhekk ghamel hekk…".*[43]

Illi fir-rapport tal-incident[44] li gie ikkonfermat minn PS 267 Anthony Cassar hemm deskrizzjoni ta' l-agir ta' l-imputat fil-konfront ta' ommu.

*"…hekk kif marret tferraq ommhom, Martin qabad u hareg lilha barra u ghalaqa fil-kamra tas-sodda taghha u qalilha int oqghod hawn, izda hija harget tigri mill-kamra u Martin qabadha minn ghonqa u ghamlilha il-ponn ma wicca u beda jatiha bil-ponn fuq rasha."*[45]

Min-naha tieghu l-imputat dejjem cahad li qatt sawwat lil ommu izda jispjega:

*"issa ommi dahlet bejnietna waqt li jiena tajtu dawk iz-zewg daqqiet u imbuttajna lil xulxin, din mhux sekonda kien hemm, jigifieri jiena nasal biex nghid illi forsi lqatta jiena l-ommi pero ma sawatha bl-ebda mod….u nemmen li mhux biss jien ilqatta ghax konna tlieta min-nies qeghdin jiggieldu, tista timmagina, tlett irgiel hux….. Jien ma jidhirliex li qbadtha minn ghonqha.."*[46]

Mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta li l-vittma Carmen Cassar soffriet griehi hfief dak in-nhar ta' l-incident mertu ta' din il-kawza. Mix-xhieda ta' l-imputat stess jirrizulta wkoll li seta kien li laqat lill ommu ghalkemm mhux bl-intenzjoni li jsawwatha. Madankollu c-certifikat tat-tabib juri bic-car li l-omm inqabdet minn ghonqha, u l-griehi hfief huma a bazi ta' dawn il-marki vizibbli li kellha ma' ghonqa. Ghalhekk ix-xhieda moghtija minn Alexander Cassar taqbel ma' dak kif rapportat mill-professjonist mediku sa fejn jghid li ra b'ghanjejh, lill-imputat jaqbad lil ommu minn ghonqha.

[43] Folio 33 ta' l-atti processwali
[44] Folio 16-18 ta' l-atti processwali
[45] Folio 21 ta'l-atti processwali
[46] Folio 163 ta' l-atti processwali

Il-Qorti tqis li l-fatt li omm l-imputat inqabdet minn ghonqha, b'tali mod li l-marki baqghu vizibbli anke meta marret u giet ezaminata minn tabiba jindikaw sitwazzjoni differenti minn dik spjegata mill-imputat u ma tikkonsidrax l-ispjegazzjoni ta' l-imputat soddisfacjenti biex tiggustifika ghalfejn ommu spiccat imwegga b'dak il-mod.

Ghaldaqstant din il-Qorti tara li anke din l-imputazzjoni giet ipprovata u sejra taghaddi sabiex issib lill-imputat hati taghha.

**Ikkunsidrat**

**It-tielet imputazzjoni**

L-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali jghid:

*Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti, jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000);*

Din il-Qorti ghalhekk trid tara jekk l-imputat attakkax jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebbx kontra WPC 169 Doris Al Sous Camilleri.

Mill-provi jirrizulta li l-imputat kien gie mitlub jistenna barra l-ghassa sakemm il-pulizija ghamlu l-verifiki necessarji taghhom ma huh li kien imwegga u ommu. Waqt li kien barra, u wara li l-imputat stqarr li kien mahruq ghax huh kien qed jinkih u ghax kien irrabjat ghall-fatt li gie mitlub jistenna barra mill-pulizija kisser il-hgieg ta' l-antiporta li tar fuq WPC 169, qattalha l-uniformi u kkagunalha griehi hfief.

Mix-xhieda ta' PS 267 Anthony Cassar jirrizulta li huwa rritorna l-ghassa minhabba li kien ircieva rapport li sehh incident gewwa l-ghassa. Meta mar lura sab li *"l-orderly tieghi WPC 169 bil-qalziet imqatta' u kellha girfa fuq in-naha ta' dahra, in-naha ta' isfel, jiena staqsejthom x'gara u qaluli li kien hemm argument go l-ghassa fejn kien hemm certu Martin Cassar ID number 231780M, l-ewwel tektek fuq hgiega minnhom u nfaqghet imbaghad ta' daqqa ta' ponn fuq l-ohra u harrab jigri".*[47]

Mix-xhieda tal-vittma jirrizulta li l-imputat beda jaghti *"b'subajh hekk u qisu hekk isabbat, infaqghet il-hgieg u jiena dort hekk u laqghatni…laqghatni bil-hgieg fuq in-naha ta' fuq ta' saqajja."*[48]

Dan kollu kien gie ikkonfermat mix-xhieda tal-Maggur Audrey Cassar li rat *"il-hgieg beda jtir lejn l-orderly u l-orderly kienet WPC 169 Doris, jiena mort biex nara x'ghandha u dhalna fil-kamra ta' gewwa u kellha l-qalziet u l-uniformi mqatta'.*

Il-prosekuzzjoni esebit certifikat mediku[49] mahrug fl-istess gurnata ta' l-incident mertu ta' dan il-kaz, cioe fis-27 ta' Gunju 2016 mit-tabiba Dr. Dalli Badjadi Med Reg Numru: 3358 fejn iccertifika li l-vittma kienet qeda ssofri minn griehi hfief. L-istess certifikat jindika wkoll li l-vittma kellha barxa ta' one centimeter fuq in-naha ta' barra u n-naha ta' riglejha li kkonfermat meta telghet tixhed.

L-imputat minn naha tieghu jispjega li r-raguni ta' dan l-agir kien minhabba l-fatt li huh Alexander Cassar kien *"qed jipprovokani minn gewwa"*.[50] Ikompli biex jghid li:

*"… dak il-hin peress li ma stajtx nesprimi ruhi, ma stajtx nispjegalhom x'gara peress li lili sakkritni barra rrabjajt u tektikt mal-hgiega tal-antiporta, ghidtilha niftakar il-*

[47] Folio 49 u 50 ta' l-atti processwali
[48] Folio 90 u 91 ta' l-atti processwali
[49] Dok RS2, Folio 19 ta' l-atti processwali
[50] Folio 160 ta' l-atti processwali

*kliem ezatt, ghidtilha mhux billi qfiltni hawn barra lili u marelli din il-hgiega infaqghet, ghax tektikt naqra bis-sahha."*[51]

Jikkonferma li dak il-hin kien *"urtat anke kif gabu ruhhom mieghi l-pulizija biex nghidlek kollox ghax jien eppretendejt jien kont il-vittma u ghandha tisma l-verzjoni tieghi l-ewwel."*[52]

Fir-rigward it-tieni daqqa li l-imputat ta lil hgiega jispjega li dan kien frott tal-mod kif beda ggib ruhu huh minn gewwa l-ghassa billi *"beda anke jaghmilli l-funny faces minn warajhom, beda jghidli oqghod hemm, araw kif hu jaqla l-glied u hekk u dehert ikrah jien"*.[53]

Filwaqt li jirrizulta b'mod car li l-incident tal-ksur tal-hgieg irrizulta minhabba l-agir ta' l-imputat u li WPC169 intlaqtet mill-hgieg mill-provi ma jirrizultax li f'ebda hin l-imputat attakka, hebb jew ghamel rezistenza bi vjolenza kontra WPC 169. Min-naha taghha l-prosekuzzjoni ma ressqitx akkuzi li l-imputat ikkaguna griehi hfief fuq WPC 169 jew li naqas li jobdi ordnijiet legittimi moghtija minn ufficjal pubbliku li huma r-reati li jirriflettu dak li gara.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li r-reat ma giex ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi u sejra sabiex tillibera lill-imputat minn din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Ir-raba' imputazzjoni – hsara volontarja**

Illi skond ix-xhud Alexander Cassar hu ra lil-imputat jaghti *"daqqa ta' ponn ma' l-hgiega, ta' l-ghassa u nkissret il-hgiega."*[54]

[51] Folio 160 ta' l-atti processwali
[52] Folio 160 ta' l-atti processwali
[53] Folio 161 ta' l-atti processwali
[54] Folio 34 ta' l-atti processwali

Mix-xhieda ta' PS 267 Anthony Cassar jirrizulta li x-xhud meta rritorna lura l-ghassa sab il-bieb ta' l-ghassa mifquh bil-hgieg mkisser.

Ix-xhud WPC 169 Doris Al Sous Camilleri li kienet prezenti waqt l-incident u rat kollox ikonfermat li kien l-imputat li kkaguna l-hsara fuq il-bieb ta' l-antiporta u li kien kisser il-hgieg.

Mix-xhieda tal-Maggur Audrey Cassar jirrizulta li x-xhud rat lil-imputat *"barra jaghti ma' l-hgiega, ma l-anti porta ta' l-ghassa, kisser hgiega, il-hgieg tar lejn in-naha taghna u ta' l-orderly u l-orderly u fil-pront kisser il-hgiega l-ohra wkoll."*[55]

Illi dan gie ikkoroborat mix-xhud PC 1007 Jean Paul Pizzuto li kien prezenti u ra l-incident meta beda jaghti mal-hgieg u kkaguna l-hsara. L-istess xhud ikkonferma wkoll li ma kienx xi hgieg dghajjef ghalkemm huwa irqiq.[56]

Fl-artikoli ta' l-Avukat Generali gew indikati l-artikoli 325(1)(c) u (d) tal-Kodici Kriminali li jghidu:

*(1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati:*

*(c) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri l-mitejn u ħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur;*

*(d) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-piena tal-kontravvenzjonijiet:*

B'dawn l-artikoli, l-Avukat Generali indika l-valur tal-hsara. Madankollu ma ngabet ebda prova tal-valur tal-hsara mill-prosekuzzjoni.

[55] Folio 107 fuq wara, ta' l-atti processwali
[56] Folio 115 ta' l-atti processwali

Minkejja n-nuqqas ta' indikazzjoni tal-valur tal-hsara, jirrizulta b'mod car li l-hsara saret u ghaldaqstant din il-Qorti fil-waqt li sejra tghaddi sabiex issib htija ta' din il-imputazzjoni, fil-kalibrazzjoni tal-piena ha tiehu konjizzjoni tal-fatt li ma ngabitx prova li l-valur jeccedi l-ammont ta' għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u ta' dak indikat fir-raba proviso ta' l-artikolu 325 li jghid:

*Iżda wkoll fil-każ ta' ħsara lill-proprjetà pubblika, il-piena tiżdied bi grad jew tnejn, u l-ħati għandu jiġi ikkundannat iħallas multa ekwivalenti għall-ħsara li tkun saret.*

Madankollu, minkejja dak li jipprovdi dan il-proviso, il-Qorti qatt ma giet provduta l-ammont tal-hsara u l-prosekuzzjoni qatt ma pprezentat prova f'dan ir-rigward jew ghamlet talba sabiex jigi stabbilit dan il-valur. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax timponi l-multa f'din il-proviso stante li qatt ma gie stabbilit l-ammont tal-hsara.

**Ikkunsidrat**

**Il-hames imputazazjoni**

Illi skond ix-xhud Alexander Cassar, l-imputat meta kien quddiem l-ghassa beda jiggieled u lilu beda jghidlu l-kliem *"marid, hanzir, kollok infafet"*.[57] Illi din is-sitwazzjoni ta' glied giet ikkonfermata minn WPC 169 Doris Al Sous Camilleri fix-xhieda taghha fejn tghid:

*"qabdu jiggieldu quddiemi l-ahwa Alexander u Martin, hrigt jiena u ppruvajt nitfa' lil Martin 'il barra, tajt prijorita' lil Alexander ghax Alexander kellu d-dmigha ma' wiccu u kien hemm ommu mara anzjana ukoll, allura tajtu qisu prijorita', tfajt lil iehor daqs*

[57] Folio 34 ta' l-atti processwali

*xejn 'il barra mill-ghassa. Baqghu jiggieldu minn wara l-antiporta, beda jaghti ma' l-hgiega.*[58]

kif ukoll mix-xhud PC 1007 Jean Paul Pizzuto fejn izid jghid li *"kien hemm xi disgwit, kien hemm tghajjir u qabad jaghti ma l-hgieg."*[59]

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat il-prova kollha prodotti mill-prosekuzzjoni tqis li dan ir-reat gie ppruvat u sejra tghaddi sabiex lill-imputat hati.

**Ikkunsidrat**

**L-addebitu tar-recidiva**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll sabiex f'kaz ta' htija jitqies li huwa recidiv taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u f'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni esebit sentenza wahda li kienet inghatat fit-2 ta' Frar 2010[60] fejn l-imputat kien gie kkundannat ghal sentejn prigunerija.

L-ufficjal prosekutur ta' din is-sentenza ma telax jixhed sabiex jikkonferma din is-sentenza u ma jirrizultax li d-difiza ezentat lil prosekuzzjoni li tressaq bhala xhud lil (dak iz-zmien) Spettur Geoffrey Azzopardi bhala xhud ta' l-identita' ta' l-akkuzat. Madankollu, l- Qorti tara li l-konnotati tal-imputat jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonjijiet kif ukoll mal-fedina penali.[61]

Ghalhekk il-Qorti tara li l-addebitu tar-recidiva giet sufficjentement ipprovata u l-imputat ghandu jitqies li huwa recidiv ghal fini tal-artikoli 49 u 50.

[58] Folio 90 ta' l-atti processwali
[59] Folio 111, fuq wara, ta' l-atti processwali
[60] Folio 120-125 ta' l-atti processwali
[61] Folio 83 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

Illi l-fedina penali ta' l-imputat hija wahda voliminuza u refrattarja. Minn l-istess fedina penali jirrizulta wkoll li ma kienitx l-ewwel darba li l-imputat agredixxa lil huh li jghix fl-istess dar mieghu. Il-Qorti tqis ukoll li wiehed mill-vittmi hija ommu. Gie kkunsidrat ukoll il-posizzjoni tal-membri tal-familja tieghu fil-konfront tieghu u li jghixu taht l-istess saqaf.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216, 218, 221(1), 96, 325(1)(c) u (d), 338(dd), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Martin Cassar:

Hati ta' l-ewwel, tat-tieni, raba' u hames imputazzjoni, kif ukoll ta' l-addebitu tar-recidiva imnizzla bhala s-sitt imputazzjoni.

Mhux hati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minn kull htija u piena.

Illi kwantu ghall-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja f'dan l-istadju ma hix ser thalli il-frott illi wieħed jkun qed jistenna anzi il-kuntrarju. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi mehtiega u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa nteress tas-socjeta u tal-imputat li il-hati jitqieghed taht ordni ta' probation.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-hati jitqieghed

taht is-sorveljanza t'Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Il-hati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordni. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament, liema ordni qieghda issir ghall-perjodu ta' sentejn (2) skond l-anness digriet li ghandu jifforma parti integrali ta' din is-sentenza u dan sabiex il-hati jinghata assistenza ta' *anger management* sabiex jinidirizza u jikkontrolla r-rabja tieghu.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħati Martin Cassar taħt obbligazzjoni tiegħu personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000).

Fir-rigward ghat-talba sabiex tinhareg Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li ma jkunx

idoneju li l-Ordni tinhareg fil-konfront ta' Alexander Cassar u Carmen Cassar kemm il-darba dawn jghixu taht l-istess saqaf. Fil-konfront ta' WPC 169 Doris Al Sous Camilleri, din il-Qorti sejra tastjeni minn din il-parti tat-talba in vista tal-liberazzjoni minn l-istess imputazzjoni fejn inharget.

Fil-konfront tat-talba tal-prosekuzzjoni fir-rigward l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn it-talbiet stante li gie liberat minn dawk l-imputazzjonijiet relatati ma dawn it-talbiet.

**Moghtija illum nhar il-25 ta' Marzu 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**